# Stqarrija

## Tiżdied il-kaċċa illegali hekk kif qabdet sew il-passa tar-rebbiegħa, u jkomplu jinkixfu nuqqasijiet serji fl-infurzar

BirdLife Malta qed tesprimi tħassib serju dwar żieda ta' kaċċa illegali fl-aħħar jiem, hekk kif il-passa tar-rebbiegħa issa qabdet sew, b'nuqqasijiet evidenti fl-infurzar u nuqqas ta' rieda politika biex dan l-istaġun li ġej jittieħed bis-serjetà.

Fl-aħħar jiem, diversi speċi protetti diġà kienu fil-mira mal-wasla tagħhom fuq il-gżejjer Maltin. Wara l-maltemp li għamel qabel l-Għid, qatgħa rari ta' erba' Grawwiet li niżlu f'Delimara fit-2 ta' April, sfaw fil-mira ta' tiri sparati fuqhom. Wara dehru biss tliet għasafar jtiru fuq Ħas-Saptan. Xhieda rrappurtaw u ġibdu anki ritratt ta' waħda mit-tliet Grawwiet li kien fadal, tinqatel fin-naħa ta' Ħal Safi qrib l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta wara li sparaw fuqha. Tentattivi biex isir kuntatt mal-pulizija permezz tal-linja 119 ma wasslux biex tingħata l-attenzjoni tal-pulizija lil dan il-każ.

F'każ separat, żewġ Ċikonji Suwed li waslu Malta fis-6 ta' April kienu segwiti minn birdwatchers u timijiet ta' BirdLife Malta, li wkoll talbu lill-pulizija mill-Environmental Police Unit (EPU) biex jassistu fil-ħarsien tagħhom. Ftit wara li ċ-Ċikonji Suwed niżlu bejn Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi, instemgħu tiri ta' senter. L-għada filgħodu dehret biss Ċikonja Sewda waħda tħalli Malta.

Inċidenti oħra matul tmiem il-ġimgħa, inkludew mill-inqas żewġ għasafar oħra protetti li nġabru wara li sfaw vittmi ta' kaċċa illegali. Dawn kienu Bagħdan Aħmar li nġabar minn BirdLife Malta minn Wied is-Sewda, u Spanjulett li nġabar mill-pulizija. Ġew irrappurtati wkoll każi ta' tiri sparati fuq Astuni Suwed fin-Nadur, Għawdex.

Dawn il-każijiet isegwu mewġa b'saħħitha ta' passa tal-għasafar waqt li l-kapaċità ta' infurzar fil-pajjiż baqgħet fjakka lejlet il-ftuħ ta' staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, li mit-13 t'April 'il quddiem se jara mal-10,000 kaċċatur mifruxin fil-kampanja. L-Environmental Protection Unit ilha għal dawn l-aħħar ġimgħat topera b'riżorsi limitati, b'każijiet fejn skwadra waħda jew anke tnejn, ma

jlaħqux jirrispondu għal rapporti differenti ta' insib illegali tal-għasafar tal-għana rrappurtati minn BirdLife Malta, CABS u l-MRU fl-istess ġurnata.

Tentattivi biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet u l-ħtieġa li jiżdied l-infurzar waqt l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Ornis, ġew miċħuda, minkejja li BirdLife Malta talbet lis-Segretarju tal-Ornis biex jistieden rappreżentanti tal-Environmental Protection Unit u tal-Pulizija ta' Għawdex biex jinformaw lill-kumitat qabel jieħu deċiżjoni dwar il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa. Għal laqgħa tal-Kumitat Ornis, la ġew mistiedna rappreżentanti tal-infurzar, u lanqas ingħata xi aġġornament dwar x'infurzar ser ikun hemm pjanat qabel, waqt u wara l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa. It-talbiet ta' BirdLife Malta lill-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) biex jippreżentaw lill-kumitat in-numru ta' liċenzji li se jinħarġu għall-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, ukoll baqgħu mhux imwieġba, minħabba nuqqasijiet amministrattivi li l-WBRU sofra fl-aħħar ġimgħat.

Malta diġà qed tiffaċċja każ ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni Ewropea marbut ma' infurzar inadegwat. BirdLife Malta tinsisti li s-sitwazzjoni tant qed tmur għall-agħar, li qed toħloq sens ta' impunità fost il-komunità tal-kaċċa, b'individwi jiġru barra bis-senter jisparaw fuq speċi protetti waqt staġun magħluq qisu xejn mhu xejn. Malta hija obbligata bil-liġi tagħha stess li tħaddem 7 uffiċjali tal-infurzar għal kull 1,000 liċenzja attiva matul il-perjodu tad-deroga tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

Hekk kif il-passa tal-għasafar se tkompli tiżdied, BirdLife Malta se tkun qed issaħħaħ l-isforzi tagħha bl-għajnuna tal-voluntiera li qed jipparteċipaw fil-kamp annwali Spring Watch, li se jiffoka fuq il-kaċċa u l-insib illegali, u jassisti lill-pulizija biex tressaq lil min jikser il-liġi quddiem il-ġustizzja, filwaqt li jikxef in-nuqqasijiet fl-infurzar.

BirdLife Malta tappella għal azzjoni immedjata u effettiva biex jissaħħaħ l-infurzar fuq il-post qabel ma s-sitwazzjoni tkompli tiddeterjora. Esprimiet ukoll l-appoġġ tagħha għall-petizzjoni tal-Malta Rangers Unit li titlob li l-EPU jibda jopera wkoll f'Għawdex, destinazzjoni għal ħafna kaċċaturi Maltin matul l-istaġun li ġej.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org